QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 623/00 DM

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga' Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-asikurat taghhom Christopher Morely u l-istess Christopher Morely f'ismu proprju

Vs

Freddie Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' Lm598 (hames mija u tmienja u disghin liri Maltin) danni mhallas mill-attur nomine fuq vettura BBH 858 assikurata comprehensive hlief ghall-Lm100 (mitt lira Maltin) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Christopher Morely u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-11 ta' Dicembru 1998 go Santa Venera waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAB 016 habat mal-vettura BBH 858 proprieta ta' Christopher Morely u misjuqa minn Pamela Margaret Lander u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-17 ta' Frar 2000 u tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra England Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut Freddie Micallef u bl-imghax tat-8% fuq Lm598 mis-17 ta' Frar 2000 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Freddie Micallef fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi mhux minnu illi l-konvenut kien involut f'incident tat-traffiku ma vettura BBH 858 assikurata mas-socjeta attrici;

2 Fir-realta l-vettura tal-attur Morely meta kienet misjuqa minn certa Pamela Margaret Lander kienet involuta f'kollizzjoni ma vettura ohra ta' terza persuna, u l-istess Lander ipprovat tallega illi l-kollizzjoni bejn il-vettura BBH 858 u dik tat-terza persuna sehhet ghax il-konvenut baqa' diehel fuq il-vettura BBH 858, li cioe kien hemm "triple collision";

3 L-allegazzjonijiet ta' Lander huma nfondati kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza u dana anki stante illi fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-konvenut ma kien hemm ebda hsara;

4 Salv eccessjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-atturi f'din il-kawza qieghdin l-allegaw illi, waqt li l-vettura proprjeta tal-attur Christopher Morely kienet qed tigi misjuqa minn Pamela Lander go Sta Venera fil-11 ta' Dicembru 1998, u waqt li din l-istess vettura kienet wieqfa' wara vettura ohra, dahlet go fiha minn wara l-van misjuqa mill-konvenut li, apparti l-hsarat li kkawzatilha fuq in-naha ta' wara tal-vettura, kienet ukoll tefat il-vettura tal-attur fuq il-vettura ta' quddiemha u b'hekk sofriet u garbet anke hsarat fuq quddiem.

Min-naha tieghu l-konvenut qieghed jikkontesta din l-allegazzjoni billi jghid illi ghalkemm verament huwa kien waqaf wara l-vettura tal-attur Morely u li din il-vettura kienet wieqfa wara vettura ohra, huwa f'ebda mument ma mess mal-vettura tal-atturi w il-vettura tal-atturi kienet digia mahbuta mal-vettura ta' quddiema.

Ghaldaqstant il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tistabbilixxi liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-iktar wahda verosimili tenut kont tal-provi prodotti u mic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz.

Min-naha tal-atturi, in sostenn ta' dik l-allegazzjoni huma pprezentaw bhala xhieda lil Pamel Margaret Lander u lil Catherine Casapinta is-sewwieqa tal-vettura milquta mill-vettura tal-attur.

Dawn iz-zewg xhieda jsosstnu illi kien effettivament il-konvenut illi kkawza il-kollizzjoni li kienet tinvolvi lit-tlett (3) vetturi, billi meta sab il-vetturi wieqfa quddiemhu, ma waqafx fil-hin, habat mal-vettura tal-attur biex din spiccat mahbuta mal-vettura ta' Catherine Casapinta.

In korborrazzjoni ta' din il-verzjoni l-attur ukoll ipprezentaw il-formola li giet mimlija w iffirmata mill-persuni involuti in kollizzjoni fejn ghalhekk il-konvenut kien accetta l-involviment tieghu fil-kollizzjoni li kienet tirrigwarda 'front to rear' kif qieghdin jallegaw l-atturi. Din il-formola ffirmata mill-konvenut tinsab esibita a fol 22 (tnejn u ghoxrin) tal-process.

Inoltre, l-istess atturi ppruvaw ukoll illi l-vettura ta' Christopher Morely kellha hsarat ukoll fuq in-naha ta' wara taghha u illi l-van misjuq mill-

konvenut kien halla brake marks mat-triq indikattivi illi huwa kien gie mahsud bil-prezenza tal-vettura tal-attur wieqfa quddiemu.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-konvenut kien qieghed isosstni illi b'ebda mod ma kien involut fil-kollizzjoni bejn Catherine Casapinta u Pamela M. Lander huwa baqgha wieqaf fuq il-post tal-incident sakemm iddecidew illi jirrikorru l-ghassa halli jintlew il-formoli opportuni

Min-naha tieghu l-konvenut isosstni illi b'ebda mod u f'ebda mument ma kien ghamel kuntatt mal-vettura misjuqa minn Pamela M.Lander u in sostenn ta' dina l-allegazzjoni huwa strah fuq il-fatt illi l-ebda hsara ma kienet giet riskontrata fuq in-naha ta' quddiem tal-van tieghu hlief ghal girfa fuq il-bumper ta' materjal plastiku kif riskontrata mis-surveyor John Borg Bellanti.

Inoltre il-konvenut jghamel enfasi fuq il-hsara zghira illi giet riskontrata fuq wara tal-vettura tal-attur u li kienet ghalhekk spoporzjonata mall-hsara li sofriet l-istess vettura fuq quddiem.

Infatti dan huwa l-uniku fattur illi hasseb xi ftit lil din il-Qorti fl-evalwazzjoni taghha billi huwa evidenti li l-hsara magguri li sofriet il-vettura ta' Christopher Morely kienet fuq quddiem u mhux fuq wara, meta l-impatt fuq wara suppost kien dak illi kkawza l-kollizzjoni mal-vettura fuq quddiem.

Izda, tenut kont tal-ghamla zghira tal-vettura ta' Christopher Morely li tippresta ruhha facilment ghal spostament fuq quddiem, u tenut kont ukoll tad-daqs kbir tal-van misjuq mill-konvenut intiz ghall-uzu kummercjali li ghalhekk wiehed jistenna illi huwa maghmul minn materjal iktar adegwat ghall-istrapazz, issib illi n-nuqqas ta' hsara vizibbli fuq il-van tal-konvenut u l-hsara zghira fuq wara tal-vettura tal-attur wahedhom m'humiex bizzejjed biex inaqqsu mill-kredibilita' li d-deposizzjoni ta' Catherine Casapinta, it-terza persuna nvoluta fl-incident, taghti lill-verzjoni tal-atturi.

Infatti din l-istess verzjoni hija anke sorretta mill-fatt illi l-konvenut wara l-kollizzjoni almenu bejn il-vetturi ta' Catherine Casapinta u ta' Christopher

Morely baqa jistenna fuq il-post u anke iffirma l-formola indikattiva illi kien involut f'kollizzjoni 'back to front' mall- vettura misjuqa minn Pamela M. Lander. Anke l-istess allegazzjoni tal-konvenut illi huwa kellhu japplika l-brakes f'daqqa meta tkun ukoll tant vicin il-vettura ta' Pamela M. Lander illi sahansitra t-tillari li kellhu fuq wara spostaw ruhhom u waqqghu ghal quddiem minhabba l-manuvra li ghazel, huma lkoll indikattivi ta' nuqqas ta' attenzjoni u li kien intebah bil-prezenza tal-vettura ta' Pamela M. Lander quddiemhu meta kien tant vicin taghha li wiehed difficli jista' jifhem kif il-konvenut kellhu l-opportunita' illi jintebah ukoll illi din il-vettura kienet digia' mahbuta mal-vettura ta' quddiemha.

Ghaldaqstant ghal dawn il-mottivi issib illi l-verzjoni moghtija mill-atturi hija wisq iktar verosimili minn dik eccepita mill-konvenut u ghaldaqstant issib illi effettivament kien il-konvenut illi kkawza l-kollizzjoni in kwistjoni meta habat ma' wara tal-vettura tal-attur Christopher Morely u ghalhekk huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u jried jghamel tajjeb ghad-danni kollha illi gew ikkawzati.

Mid-deposizzjoni ta' Stephen Conti u d-dokumenti minnhu esibiti jirrizulta illi d-danni totali li dwarhom giet ipprezentata l-ircevuta relattiva huma dawk rizultanti minn dokument RC2 a fol 20 (tal-process) u li jammontaw ghas-somma ta' Lm558 (hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin)

Ghaldaqstant tillikwida d-danni li sofriet il-vettura assikurata mall-atturi fis-somma ta' Lm558 (hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin) u ghar-ragunijiet citati fl-avviz qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi in solidum bejnithom is-somma ta' Lm558 (hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Frar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

....................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia

Dep / RegCivil 43